MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2014

Numru. 128/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Charles Paul Muscat**

Kaz Numru: 128/2013

Illum 28 ta' Mejju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Charles Paul Muscat**, bin Saviour u Frances neé Galea, imwieled fl-10 ta' Frar

1983, residenti fil-fond Ankra Court, Ground Floor, Triq ir-Rancis, Xlendi, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 4583(G), akkuzat talli nhar it-8 ta' Frar 2013 ghall-habta ta' 22:00hrs fi Triq ix-Xatt, Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, saq vettura CBJ 453 tal-ghamla V.W. Polo:

1. minghajr ma kien qed jaghmel uzu minn *seat belt*;
2. saq l-imsemmija vettura b'mod perikoluz, bla kont u traskurat;
3. saq l-imsemmija vettura u naqas li jizgura li t-tfal (passiggieri) kienu marbuta b'sistema ta' rbit li tkun addattata ghat-tfal skont il-piz u l-ligi;

4. saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu l-kontroll shih tal-vettura;

5. saq l-imsemmija vettura b'velocita' aktar milli jmissu.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni l-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju u semghet ukoll lix-xhud minnu prodott.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'diversi imputazzjonijiet relatati mas-sewqan tieghu dakinhar tat-8 ta' Frar 2013 ghal habta tal-22.00hrs. Da parte tieghu, l-imputat, filwaqt li ma jichadx li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBJ 453 fil-gurnata msemmija, jichad dak li qieghed jigi akkuzat bih.

Illi l-provi prodotti mill-Prosekkuzzjoni kienu jikkonsistu fis-segwenti: affidavit ta' PC 1384 Felix Sammut (Dok. "A") u affidavit ta' PC 1075 Joseph Micallef (Dok. "B"). Taghhom sar il-kontro-ezami fejn iz-zewg ufficjali tal-Pulizija msemmija zammew ferm ma' dak li nghad fl-affidavit taghhom. Da parte tieghu, l-imputat spjega kif mar ix-xatt tal-Mgarr sabiex jigbor lil certu Sonia u spjega wkoll li mieghu kien hemm iz-zewgt'itfal tieghu. Xehed fejn dawn kienu bil-qieghda. Iddeskriva s-sewqan tieghu bhala "tlikki tlikki". Da parte taghha, ix-xhud prodott mill-imputat filwaqt li qalet li l-i*speed* li kien qed isuq bih l-imputat kien wiehed bil-mod, qalet ukoll li t-tfal kienu fuq quddiem tal-vettura.

**Ikkunsidrat**

Illi riferenza sejra ssir ghad-decizjoni moghtija fil-31 ta' Ottubru 2013 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artiklu 638 (2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artiklu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artiklu 637 tal-Kapitolu 9".

Illi ma hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk x-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Mazzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** – Vol. III Kap. IV – pg. 234 – Ediz. 1890:

*"Il cosi detto onero della prova cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui asserit".*

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ghamlet l-ezercizzju li jirrikjedi li jsir *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u serenament tasal ghal konkluzjoni illi x-xiehda moghtija mill-ufficjali tal-Pulizija hija aktar kredibbli u veritjiera u b'hekk ghandha titwemmen. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni wara li rat dak li jirrizulta mill-atti processwali, il-komportament tal-ufficjali tal-Pulizija, tal-imputat u tax-xhud minnu prodott fuq il-pedana tax-xhud u dak li huma xehdu.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-<u>ewwel</u> (1) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li c-certifikat (Dok. "TA 1") ezebiet mid-difiza huwa semplici fotokopja. Ghaldaqstant, dan ic-certifikat ser jigi skartat *stante* li ma jikkostitwixiex l-ahjar prova. Ghaldaqstant, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet pruvata.

Illi, fir-rigward tat-<u>tieni</u> (2) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li l-imputat qieghed jigi akkuzat li kien qed isuq b'mod perikoluz, bla kont u traskurat. Kull ma jghidu l-ufficjali tal-Pulizija huwa li l-imputat kien qed isuq b'velocita' qawwija. Dan m'huwiex bizzejjed sabiex tista' tinstab htija fil-konfront tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjoni msemmija.

Illi, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li, tenut kont ta' dak li nghad aktar qabel f'din is-sentenza, jirrizulta li din l-imputazzjoni giet pruvata.

Illi, fir-rigward tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet, il-Qorti, filwaqt li taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, zzid ukoll li bl-ebda mod ma gie pruvat ghala l-imputat ma kellux kontroll shih tal-vettura. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat mir-raba' (4) u mill-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat Regolamenti 3 u 7 u l-Ewwel Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.12 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Charles Paul Muscat hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ammenda ta' hamsa u ghoxrin Euro (€ 25.00) fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u ammenda ohra ta' hamsa u ghoxrin Euro (€ 25.00) fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------